'Ma darba tlewwimna . . Int kont sirt Rettur
U ħriġt amar kiefer għalina l-Qormin,
Li Għid San Ġorġ tagħna hu jum ta' tagħlim —
Min jonqos minn dmiru jitkeċċa fil-ħin.
Kif stajna nitgħallmu fil-jum tal-Qaddis
Bil-festa, bil-bombi, bid-daqq hekk fil-qrib???

Inqasna mill-amar, tkeċċejna jumejn
U kellna noqogħdu għal żmien wara l-ħin!

'Ma xorta għożżejtek, Poeta w Għalliem
Tal-Lsien ħelu tagħna li xtered biż-żmien
U wasal fl-Ewropa bil-qlib ta' l-għorrief,
U tiegħek fost l-ewwel bl-ilsien Kastiljan,
Fi Spanja, fejn għarfu li d-deh'n tal-Maltin
Mhux anqas jew ifqar mill-ġnus imgħallmin.

Kemm fraħt meta fl-aħħar għażluk Provinċjal
U rajt l-Għaqda tiegħek tistagħna fil-għadd,
Fil-Ħidma tixtered ma' l-erbat irjieħ
Titweġġah bil-għaqal ta' ħafna mir-rħieb.

Illum, f'dal-Jum ħlejju għalik u għall-ħbieb,
Ħallini ningħaqad ma' niesek fil-ferħ.
Ħallini, ja mgħallmi, nixtieqlek kull risq:
Li ħajtek tkun twila, miżgħuda b'kull ġid
Għal Alla, għal Ġensna, għall-Muża w għad-Din
U tgħaddi wisq aktar minn dawn il-Ħamsin
Fil-Merħla ta' Njazju, b'ġieħ kbir għall-Maltin.

Darwin College,
Cambridge University,
9 - 12 - 1967.

---

## AĦBAR TA' MEWT

Il-*Għaqda* bl-akbar niket tħabbar il-mewt tal-mibki membru tagħha **ROBERT MIFSUD BONNICI** li ġrat fil-15 ta' Diċembru 1967. Tagħrif nekroloġiku tidher f'Għadd ieħor ta' *Il-Malti*.



# REĊENSJONIJIET

**"IL-LEĠĠENDA TA' SAN NIKOLA".** Ta' P.G. Delia, S.J. fil-*"25 Ta' Ġunju 1967"*, Empire Press, 1967.

Patri Ġużepp Delia hu magħdud fost l-aħjar poeti ta' żmienna; għandu stil ħelu, ritmu ħafif u jaf isawwar dehriet u ħsebijiet li jpaxxu l-qalb u jħeġġu l-moħħ, kif għamel f'din il-poeżija tiegħu. Hu kiteb fuq ħafna suġġetti, imma x-xejra tiegħu l-aktar milquta hi l-leġġenda, tant li llum hu magħruf bħala l-Poeta tal-Leġġendi.

Din il-poeżija dwar waħda mill-ġrajjiet leġġendarji tal-qdusija ta' San Nikola Ta' Bari, iżżid issaħħaħ il-fama ta' Patri Delia fil-qasam tal-poeżija fejn hu għamel isem famuż. Kif igħid il-poeta, din il-ġrajja ma hix xi ħrafa jew qlajja' kif aktarx ikunu l-leġġendi popolari, iżda hi waħda mill-egħġubijiet tat-Tawmaturgu ta' Bari. Il-ġrajja fiha element romantiku speċjalment għalina l-Maltin, li fl-istorja ta' Gżiritna naqraw avventuri dwar kurżari Misilmin li kenu jaħbtu għal Malta u jkarkru lsiera lil kull min isibu; imma fil-ġrajja ta' din il-poeżija jidħol element soprannaturali jew mirakuluż li jnissel għaġeb u għaxqa fil-qarrej.

Din il-leġġenda ma tagħmelx għajb lid-damma ta' leġġendi li l-poeta kiteb qabel u filwaqt li aħna nifirħulu, nixtiequh jissokta fit-triq li qabad għal-ġieħ u l-ġid tal-letteratura Maltija.

Ġ.

**"L-GĦAR TAL-ENIMMI"** — Ġabra ta' Poeżiji ta' Achille Mizzi. Lux Press, 1967 — pp. i-viii-48.

**L-Għar tal-Enimmi** hija ġabra ta' poeżiji fi ktieb bi studju introduttiv tal-Prof. Ġ. Aquilina. L-isem ta' Achille Mizzi, bħala wieħed mill-poeti żgħażagħ moderni, nsibuh għall-ewwel darba b'xi versi tiegħu fl-aħħar paġni tal-**Muża Maltija** (It-Tieni Edizzjoni, 1964) fejn il-poeżija tiegħu bikrija dehret b'libsa ta' xeħta ġdida fl-ispirazzjoni u fil-forma, iżda mingħajr dak il-velu hekk imdennes li nsibu f'xi versi oħra tiegħu fil-ktieb tal-**Għar tal-Enimmi.**

Fil-versi ta' dan il-ktieb dan il-poeta żagħżugħ jidher mixgħul bi xrariet qawwija ta' ħajra li jimxi max-xeħta ta' riforma letterarja li nsibu wkoll fl-imħuħ ta' xi żgħażagħ li sal-bieraħ kienu għadhom iduqu l-motivi klassiċi ta' Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel u l-ixjeħ kittieb ta' poeżija klassika Maltija, kif ukoll ta' Dun Karm, li bihom, minn xi erbgħin sena 'l hawn iżżejnet il-poeżija fqajra u tradizzjonali Maltija.

Bħal fl-arti tad-daqq u tal-għana, illum beda dieħel fil-mentalità poetika tal-ġenerazzjoni ġdida r-riefnu qawwi ta' ċerta poeżija moderna li fiha nsibu ssaltan il-komplessità misterjuża sukoxjenti li f'xi wħud iddaħħan l-imħuħ torja b'nar minn ħġejjeġ ta' ilsna barranin.